MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1327/2000/1

Avviz Nru:- 1327/00 DM

Alfred Briffa

Vs

Nazzareno sive Ronald Agius

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex jikkonsenjalu lura l-oggetti kollha li ha abusivament minghand l-attur, meta kien l-isptar u li hu approprija ruhu minnhom, liema oggetti ma jaqbzux il-valur ta' elf lira Maltin, u fin-nuqqas jhallas l-ammont tal-valur taghhom.

Bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ronald Agius fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament illi l-isem tal-konvenut huwa fil-fatt Nazzareno maghruf bhala Ronnie Agius u mhux Ronald Agius izda l-konvenut ma ghandu ebda oggezzjoni li ismu jigi korrett jekk isir talba f’dan is-sens mill-attur;
2 Fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma ghandu ebda oggett ta’ l-attur u ma ha ebda oggett minghand l-attur kif qed jallega l-istess attur;
3 Hu l-istess attur li qed jiddetjeni oggetti konnessi mar-raba bhal pajpijiet u friefet li kienu fdati f’idejn il-konvenut u li l-attur irrifjuta li jhallih johodhom;
4 Din il-Qorti ghandha tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur;
5 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-provi prodotti f’din il-kawza jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet u l-affidavit tal-attur u tal-konvenut, u l-attur jallega li l-oggetti illi ttiehdu mill-konvenut u li huwa jrid lura huma sitt (6) cestuni ghat-trobija tas-sriedaq, mohriet antik u diversi ghodod.

Min-naha l-ohra l-konvenut ghalkemm isosstni illi effettivament sitt (6) cestuni kienu fil-pussess tieghu, huwa jallega illi dawn ma kienux tal-attur, kienu gew fil-pussess tieghu ghaliex kienet ikkonsenjathomlu b’self, Carmen Borg, u meta wzahom kien irritornhom lill-istess Carmen Borg.

Jinnega l-involviment tieghu f’ xi mohriet mekkaniku u ghodod izda isosstni illi l-mohriet antik illi jsemmi l-attur effettivament kien moghti rigal lilhu u lill-marthu, li tigi bint

l-attur, qabel iz-zwieg taghhom u li illum dan il-mohriet jinsab fir-residenza tieghu irrangjat u imwahhal mal-hajt.

L-attur ma pprovda ebda spjegazzjoni jew prova dwar il-propjeta tieghu tac-cestuni, izda dwar il-mohriet antik huwa jikkonferma illi effettivament dan kien gie rrangjat mill-konvenut u li kien rah fir-residenza tal-konvenut irrangjat. F'dik l-okkazzjoni huwa ma kien semma xejn.

Ghaldaqstant jidher li huwa, anke jekk effettivament ma kienx tah bhala rigal, dak in-nhar illi bla habi kien gie muri dan il-mohriet fir-residenza tal-konvenut u ta' binthu huwa m'ghamel ebda accenn biex jiehdu lura l-istess mohriet. Ghalhekk taciment ikkonferma dak illi qieghed isosstni l-konvenut illi tali mohriet kien effettivament ikkonsenjat lill-binthu u lill-konvenut zewgha bhala rigal.

Ghal dak illi jirrigwarda l-ghodda, billi l-konvenut bil-gurament jirribatti dak kollu li qieghed jghid l-attur, jirrizulta illi lanqas dwar dawn ma jirrizultaw provi sufficjenti, kif ma jirrizultawx dwar l-oggetti l-ohra. Ghalhekk tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

..................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 43